MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 876/2003

**A**

**vs**

**B**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 27 t'Awissu 2003 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-fond numru 91 li jgib l-isem "White Clover" fi Triq il-Prinjoli, Sta Lucia, hija r-residenza matrimonjali tal-kontendenti;

Illi l-attrici giet awtorizzata fis-7 t'Awissu 2003 permezz ta' digriet numru 1127/03 tas-Sekond' Awla biex tipprocedi ghas-separazzjoni personali quddiem il-Prim' Awla;

Illi f'dawn l-ahhar xahrejn il-kontendenti arbitrarjament, abbusivament u ad insaputa ta' l-attrici martu, wahhal katnazz mal-bieb anness mal-fond matrimonjali fuq imsemmi u qieghed isakkar minn gewwa l-bieb ta' l-istess dar u b'hekk qed icahhad lill-attrici mill-pussess li kellha u ma tistax tidhol;

Illi l-attrici ghamlet rapport lill-Pulizija fis-7 ta' Lulju 2003 u talbet ukoll li jittiehdu passi kriminali kontra l-konvenut;

Illi l-attrici flimkien maz-zewg uliedha minuri Vanessa u Kurt li taghhom ghandha l-kura u l-kustodja skond id-digriet tas-Sekond' Awla fuq imsemmi jinsabu barra minn darhom;

Illi l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara illi l-konvenut spolja lill-attrici mid-dritt li tidhol u taghmel uzu mir-residenza matrimonjali numru 91, bl-isem ta' "White Clover", Triq il-Prinjoli, Sta Lucia;

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju li joghgobha tiffissa din il-Qorti a tenur ta' l-**artikolu 791 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili** jirreintegra l-ispoll billi jerga' jqieghed kollox kif kien, u jekk il-konvenut jonqos, l-attrici tigi awtorizzata taghmel ix-xoghlijiet mehtiega taht id-direzzjoni ta' perit nominat, jekk ikun il-kaz, jew taht kull provvediment li jidhrilha xieraq din il-Qorti.

B'riserva ta' kull dritt ghad-danni u bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 tal-process;

Rat id-digriet affidavit moghti lill-partijiet fil-5 ta' Dicembru 2003 fejn il-Qorti ppreffiggiet terminu ta' ghoxrin (20)

gurnata lill-attrici sabiex tipprezenta x-xhieda kollha taghha producibbli bil-procedura ta’ l-affidavits bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensur tieghu, li jkollu wkoll l-istess terminu sabiex huwa wkoll jipprezenta l-affidavits tieghu.

Rat in-nota ta’ l-attrici datata 13 ta’ Frar 2004 li permezz taghha esebiet l-affidavit taghha.

Rat il-verbal tat-18 ta’ Frar 2004 fejn Dr. Paul Gauci Maistre ghall-attrici ddikjara li m’ghandux provi izjed.

Rat ir-rikors ta’ l-attrici datat 22 t’April 2004 fejn talbet li tkun tista’ tinnotifika lill-konvenut bic-citazzjoni permezz ta’ l-affissjoni.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tat-23 t’April 2004 fejn laqghat it-talba u ordnat li tali notifika ssir *ai termini* ta’ l-**artikolu 187 (3) tal-Kap 12** bil-pubblikazzjoni f’gazzetta lokali wahda.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta’ Mejju 2004 fejn Dr. Gauci Maistre ghall-attrici pprezenta estratt minn gazzetta lokali bl-avviz tan-notifika lill-konvenut.

Rat estratt mill-Gazzetta tal-Gvern tal-harga numru 17,590 tal-Gimgha, 21 ta’ Mejju 2004 fejn juri l-pubblikazzjoni ta’ l-avviz tas-smiegh tal-kawza.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut tat-2 ta’ Gunju 2004 a fol. 25 fejn gie eccepit:-

1. Illi fl-ewwel lok l-azzjoni hija perenta u kwindi l-konvenut ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi fit-tieni lok ma jissussistux l-elementi rikjesti mill-Ligi u mill-gurisprudenza sabiex l-azzjoni attrici tirnexxi, u ghalhekk l-eccipjent ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.

3. Illi fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit il-konvenut ma kkommetta ebda spoll, izda kienet proprju l-attrici nnifisha li bi vjolenza u klandestinament garret

minn gol-fond mertu tal-kawza, bl-ghajnuna ta’ diversi nies, ammont konsiderevoli ta’ mobbli li jifformaw parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti, bi pregudizzju shih ghad-drittijiet proprjetarji tal-konvenut u kwindi fuq skorta ta’ sentenzi, l-attrici mhijiex intitolata tinizja l-procedura odjerna *in linea* mal-massima *vim vim ripellere licet* u l-principju li min jikkommetti spoll huwa stess ma jistax sussegwentement jitlob li gie spoljat u kwindi l-eccipjent ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.

4. Illi fir-raba’ lok u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-attrici ma kellha ebda pussess la fattwalment u lanqas legalment tal-fond in kwistjoni peress li hija kienet abbandonat u allontanat ruhha mid-dar b’mod volontarju u fil-fatt ghadha tghix sa llum f’residenza li tappartjeni lill-familjari taghha.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attrici minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 26 u 27 tal-process.

Rat il-verbal tat-2 ta’ Novembru 2004.

Rat in-nota ta’ Dr. Noel Bartolu u Dr. Toni Abela datata 5 ta’ Novembru 2004 li permezz taghha rrinunzjaw ghall-patrocinju tal-konvenut.

Rat il-verbal tal-15 ta’ Marzu 2005 fejn il-konvenut imsejjah diversi drabi baqa’ ma deherx, u fuq talba ta’ Dr. Paul Gauci Maistre l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 t’April 2005.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## **II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

**<u>(i) PRINCIPJI LEGALI.</u>**

Illi l-principji bazilari ta' l-azzjoni ta' spoll gew ikkonfermati diversi drabi fis-sentenzi nostrali, ibbazati fuq l-**artikolu 534 tal-Kap 16 u l-artikolu 791 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**, u huma bbazati fuq it-tliet rekwiziti tal-*actio spolii* u cjoe`:-

*(i) possedesse*
*(ii) spoliatum fuisse*
*(iii) infra bimestre deduxisse.*

Illi tali principji u rekwiziti gew ezawrjentement ikkonsidrati fis-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet **"Natalino u Marie Josette konjugi Agius vs Antonia Said"** (Citazzjoni Numru 2426/97/RCP) deciza fit-13 ta' Jannar 1999**, "Joseph Mary Debono et vs Dr. Tanya Sciberras Camilleri noe"** (Citazzjoni Numru 1704/98/RCP) deciza fid-29 ta' April 1999 u **"C. Fino & Sons Limited vs Marketing Consultancy Limited"** (Citazzjoni Numru 1596/98/RCP) deciza fl-1 ta' Lulju, 1999, u s-sentenzi hemm citati, u din il-Qorti taghmel referenza ghall-istess gurisprudenza hemm citata fejn gew eccentwati l-premessi principji:-

(a) L-attur irid jipprova li fil-mument ta' l-ispoll, huwa kien fil-pussess tal-oggett spoljat, izda tali pussess ma hemmx bzonn li jkun pussess b'titolu ta' proprjeta' jew servitu', izda anke purament materjali jew *di fatto,* izda mhux ta' mera tolleranza (**"Joseph Vassallo Gatt nomine vs Joseph Camilleri proprio et nomine"** – A.C. 26 ta' Jannar 1996).

(b) *"L-istess pussess ma ghandux ikun ekwivoku u jrid ikun manifest"* (**"Gio Maria Tonna vs Gius Maria Tonna"** – P.A.H.H. 21 ta' Frar 1983), pero *"pussess qasir hafna u sahansitra mumentarju huwa bizzejjed biex jawtorizza l-azzjoni ta' spoll"* (Vol. XXXVII. p. 11, pg. 642); b' dan li l-pussess ma kellux ikun ekwivoku u kellu jkun manifest (**"Camilleri vs Giglio"** – Vol X – p. 55, 56).

In effetti fis-sentenza **"Marthese Borg vs Gorg Borg"** (P.A. – 25. Ta' Frar 1993) inghad li:-

*"L-univocita` ta' tali pussess jew detenzjoni in fatti jehtieg li tirrizulta cara mill-fatti u tkun tali li tosta ghall-intenzjoni spolljattiva tal-pussess stess."*

Illi dawn il-principji gew ribaditi fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **"Emanuel sive Leli Sammut vs John Sammut"** (Citazzjoni Numru 585/93GV) tad-19 ta' April 1999 fejn l-istess Qorti ta' l-Appell sostniet li:-

*"L-attur allura kellu qabel xejn jipprova l-element tal-pussess. Kellu jipprova b'mod konkluziv li kellu 'un possesso di fatto' u mhux pussess bazat fuq xi mera tolleranza li ma tkunx bizzejjed biex isservi ta' fondament ghall-akkwist tal-pussess mehtieg bhala bazi ta' din l-azzjoni."* (**"Ann Wismayer vs Rinaldo Wismayer Agius"** – P.A. 5 ta' Ottubru 1992).

(c) Illi a bazi ta' l-**artikolu 791 (3) tal-Kap 12,** il-Ligi tipprovdi tassattivament li:-

*"Il-Qorti ghandha tezamina biss il-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni u l-fatt ta' l-ispoll."*

Hekk il-kawza **"Joseph Cilia et vs Loreto Camilleri et"** (P.A. FGC – Citazzjoni Numru 1163/93/FGC) tat-12 ta' Gunju 1998 gie riaffermat li:-

*"Il-Ligi taghna fl-azzjoni ta' spoll ma taghtix lok ghall-ebda ndagini ohra barra minn dik li tistabbilixxi (a) il-fatt ta' pussess/detenzjoni u (b) il-fatt ta' spoll. Indagini limitatissima, rigoruza u skarna li ma tinsab f'ebda legislazzjoni ohra, u ghalhekk, bir-rispett kollu ghal decizjonijiet li ppermettew indagnijiet bazati fuq x'jghidu u ma jghidux guristi u awturi Francizi u Taljani, huma ghal kollox irrelevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament guridiku taghna"* (**Carlo *sive* Charles Cardona et vs Francesco Tabone** – Appell 9.3.1992). Ta' l-istess portata hija s-sentenza **"Mariano Farrugia et nomine vs**

**Peter Paul Cutajar"** (Citazzjoni Numru 1441/97/FGC tat-23 ta' Ottubru 1998) fejn il-Qorti accentwat li:-

*"Din l-azzjoni ta' spoll hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikaci ghall-iskop li ma thalli lil hadd jiddisturba 'stat ta' fatt' arbitrarjament u hija ntiza 'unikament biex igieghel lill-konvenut li jerga' jqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha u daqshekk biss' kif jghid bl-aktar mod car l-artikolu 791 (1) tal-Kap 12 li sfortunatament jigi hafna drabi injorat."*

(d) Illi l-vjolenza mehtiega fl-ispoll hija biss dik li l-att ta' spoll ikun arbitrarju u kontra l-volonta' tal-pussessur b'mod li jista' jaghti lok ghall-azzjoni ta' danni kontra min ikun ghamel dak l-att (**"Joseph Scerri vs Spiridione Falzon"** – P.A. A.M. 24 ta' Jannar 1958; **"Joseph Vella vs Salvu Micallef"** – P.A. JSP 30 ta' April 1991).

(e) Tali artikoli fuq citati huma ta' ordni pubbliku u ghalhekk ma humiex ammessi eccezzjonijiet hlief eccezzjonijiet delatorji (**"Margherita Fenech vs Paolo Zammit"** – P.A. 12 ta' April 1958, Vol XLLI. pg. 973; **"Carmelo Sacco vs Paul Sacco** – Appell 23 ta' Jannar 1998).

(f) Illi ta' partikolari interess, fl-ambitu tal-kawza odjerna huwa dak stabbilit fis-sentenza **"Alfred Pisani et vs Victor Farrugia"** (P.A. FGC – 21 ta' Jannar 1994).

*"Jinghad li la l-Ligi u lanqas il-gurisprudenza ma jaffermaw il-principju li biex wiehed jirnexxi b'din l-azzjoni ta' spoll huwa ghandu jkollu pussess esklussiv. Anzi l-Qrati nostrali dejjem ippremettew li ko-possessur jagixxi b'din l-azzjoni kontra ko-possessur iehor li jikkometti spoll ghad-dannu tieghu u dan minhabba li l-azzjoni ta' spoll ghandha l-iskop li tipprotegi l-pussess u mhux il-pussess esklussiv."*

(g) L-azzjoni ta' spoll trid issir *"fi zmien xahrejn mid-data tal-kummissjoni ta' l-att spolljattiv, b'dan li skond il-pronunzjament fis-sentenza* **"Norman Vassallo vs Filomena Esposito"** *(Appell – 18 ta' Gunju 1993) inghad li meta tinghata l-eccezzjoni li l-azzjoni ta' spoll privileggjat*

*ma saritx fiz-zmien preskritt mill-Ligi, il-prova ta' dan tinkombi fuq l-eccipjenti ghaliex skond l-Artikolu 562 tal-Kap 12, l-obbligu tal-prova tal-fatt imiss dejjem lil min jallegah."*

**(ii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-kontendenti huma mizzewgin u bhala koppja kienu joqghodu fil-fond 91, "White Clover", Triq il-Prinjoli, Santa Lucia flimkien maz-zewg uliedhom Vanessa u Kurt.

Illi jidher li l-istess koppja odjerna kellha problemi familjari fejn l-istess attrici tixhed li l-konvenut kemm-il darba heddidha u fil-fatt ghamlet rapport l-ghassa fl-1 ta' Lulju 2003; dakinhar ma raqditx id-dar u marret fit-2 ta' Lulju 2003 u hadet xi bzonnijiet ghaliha u ghat-tfal, meta regghet marret fis-7 ta' Lulju 2003 xehdet li ma setghatx tidhol id-dar ghaliex il-bieb issakkar minn gewwa u mal-bieb tal-garaxx li jinfed mad-dar twahhal katnazz li hija ovvjament ma kellhiex cavetta tieghu.  Sar rapport l-ghassa tal-pulizija anke biex jittiehdu proceduri kriminali. Sadanittant is-sitwazzjoni baqghet l-istess fejn l-attrici baqghet imsakkra minn darha ghalkemm mal-konvenut dahlet sabiex tiehu xi affarijiet.  Fis-27 ta'Jannar 2004 ippruvat tidhol id-dar izda ghal darba ohra ma setghetx tidhol ghaliex baqghet imsakkra barra. Dan wassal biex infethet din il-kawza fis-27 ta' Awissu 2003.

Illi dawn il-provi ma huma bl-ebda mod kontradetti anke ghaliex il-konvenut ghalkemm prezenta nota ta' eccezzjonijiet ma ressaq l-ebda xhieda minkejja li gie notifikat bl-affidavits attrici fis-17 ta' Frar 2004, ghalkemm kien hekk awtorizzat. Jigi rilevat ukoll li l-avukati tieghu Dr. Noel Bartolo u Dr. Toni Abela rrinunzjaw ghall-patroncinju tal-konvenut b'nota tal-5 ta' Novembru 2004 li tinsab esebita a fol. 30 tal-process.

Illi kwantu ghall-eccezzjonijiet tal-konvenut jirrizulta li dawn ma jistghux jigu accettati u dan peress li jirrizulta li l-kawza saret fit-terminu ndikat mill-ligi.  Fil-fatt jidher li minhabba litigju familjari l-konvenut ha l-ligi b'idejh u

sakkar lil martu barra mid-dar taghha. Anke jekk hija vera l-allegazzjoni tal-konvenut li l-attrici hadet xi affarijiet mid-dar, huwa seta' agixxa skond il-ligi u mhux qafilha barra mid-dar taghha. Apparti minn dan, minn imkien ma jirrizulta li l-attrici ma kellhiex pussess ta' l-istess fond daqs il-konvenut – anzi jidher li kellha access liberu ghall-imsemmi fond sakemm il-konvenut abbusivament u kontra ligi sakkarha barra mid-dar taghha, flimkien ma' wliedha.

Illi kif qalet din din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **"Yvette D"Agostino vs Kevin D'Agostino"** (P.A. (RCP) 27 ta' Jannar 2005) a bazi ta' dawn il-principji kollha *ormai* ben saldati fil-gurisprudenza taghna, u ripetutament ikkonfermati jirrizulta bla ebda dubju li l-attrici kellha dejjem access ghad-dar konjugali u ma setghatx tidhol id-dar biss minhabba li l-konvenut kien sakkar il-bieb u ghalaq il-garaxx b'katnazz. Dan l-atteggjament jindika bic-car li l-konvenut ha l-ligi b'idejh u nnega l-access li l-attrici dejjem kellha ghad-dar matrimonjali. Fil-fatt jghid x'jghid il-konvenut, anke jekk ghall-mument wiehed joqghod fuq il-verzjoni tieghu, indikata f'dak li qed jghid fid-dikjarazzjoni ma' l-eccezzjonijiet tieghu, huwa ikkometta dan l-ispoll vjolenti u privileggjat, u huwa proprju dan li l-istess ligi tittenta tirranga b'din l-azzjoni ta' spoll. Din hija proprju l-azzjoni li saret mill-attrici sabiex jigi rrimedjat l-agir abbuziv tal-konvenut, li ghazel li jiehu d-dritt li jippretendi li ghandu b'idejh stess – haga li l-ligi tevita b'kull mod li thalli li ssir. Din il-Qorti in konferma ma' dan, tilqa' t-talbiet attrici in omagg ta' l-istess principji fuq esposti u tas-saltna tad-dritt u r-*Rule of Law.*

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara illi l-konvenut spollja lill-attrici mid-dritt li tidhol u taghmel uzu mir-residenza matrimonjali numru 91, bl-isem ta' "White Clover", Triq il-Prinjoli, Sta Lucia;

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju ta’ ghoxrin (20) gurnata mid-data ta’ din id-decizjoni jirrientegra l-ispoll billi jerga’ jqieghed kollox kif kien, b’dan li l-attrici jkollha access ghall-fond numru 91, bl-isem ta’ “White Clover”, Triq il-Prinjoli, Sta Lucia u jekk il-konvenut jonqos li jaghmel dan fit-terminu qasir u perentorju hawn stabbilit, l-attrici qed tigi permezz ta’ din id-decizjoni awtorizzata li taghmel ix-xoghlijiet kollha mehtiega taht id-direzzjoni tal-perit Valerio Schembri, sabiex hija jkollha access ghall-imsemmi fond matrimonjali numru 91, bl-isem ta’ “White Clover”, Triq il-Prinjoli, Sta Lucia, kollox a spejjez tal-konvenut.

Bl-ispejjez kontra l-istess konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------